# Ir-riskji psikosoċjali fl-Ewropa:
## Il-prevalenza u l-istrateġiji għall-prevenzjoni

## Sommarju eżekuttiv

### Introduzzjoni

Dan is-sommarju eżekuttiv huwa bbażat fuq rapport konġunt dwar ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) u mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound). Huwa jibbaża fuq il-ħidma kumplimentari taż-żewġ aġenziji, li hija riflessa fir-rwoli differenti tagħhom. Billi jirrikonoxxi l-kumplessità tar-relazzjoni bejn is-saħħa u x-xogħol, ir-rapport jippreżenta informazzjoni komparattiva dwar il-prevalenza tar-riskji psikosoċjali fost il-ħaddiema u jeżamina l-assoċjazzjonijiet bejn dawn ir-riskji u s-saħħa u l-benesseri. Huwa jħares ukoll lejn il-punt safejn l-istabbilimenti jieħdu azzjoni sabiex jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali u jiddeskrivi l-interventi li jistgħu jiġu adottati fil-kumpaniji. Barra minn hekk, fir-rapport hija inkluża wkoll ħarsa ġenerali lejn il-politiki mħaddna f'sitt Stati Membri.

### Kuntest tal-politika

It-titjib tal-kwalità tal-kondizzjonijiet tax-xogħol huwa mira tal-UE; l-Artikolu 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jgħid li l-Istati Membri għandhom jaħdmu sabiex jippromwovu l-impjiegi u jtejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol. L-iżgurar tas-saħħa u tal-benesseri tal-ħaddiema matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom huwa prerekwiżit sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-Ewropa 2020 li jiżdiedu l-impjiegi madwar l-UE. Id-Direttiva ta' Qafas tal-1989 dwar il-miżuri intiżi biex itejbu s-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol tobbliga lil dawk li jħaddmu sabiex jimplimentaw miżuri preventivi bil-għan li jservu bħala protezzjoni kontra l-mard u l-inċidenti okkupazzjonali; għaldaqstant, ir-riskji psikosoċjali għandhom jiġu indirizzati fl-istrateġiji tal-organizzazzjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà. Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali Ewropej irrikonoxxew l-importanza tar-riskji psikosoċjali billi ffirmaw il-Ftehimiet ta' Qafas dwar l-Istress relatat max-Xogħol (2004) u dwar il-Fastidju u l-Vjolenza fuq il-Post tax-Xogħol (2007). Dawn il-ftehimiet jirrappreżentaw impenn għall-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-kontenut tagħhom f'livell nazzjonali.

### Sejbiet ewlenin

25% tal-ħaddiema fl-Ewropa jgħidu li jesperjenzaw stress relatat max-xogħol waqt il-ħin tax-xogħol kollu tagħhom jew matul il-maġġoranza tiegħu, filwaqt li proporzjon simili jirrapportaw li x-xogħol jaffettwa s-saħħa tagħhom b'mod negattiv. Ir-riskji psikosoċjali jikkontribwixxu għal dawn l-effetti avversi tax-xogħol.

L-aktar riskji komuni huma relatati mat-tip ta' kompiti li jkollhom iwettqu l-ħaddiema – pereżempju, jekk il-kompiti humiex monotoni jew kumplessi – u mal-intensità tax-xogħol. Intensità tax-xogħol qawwija hija assoċjata ma' riżultati ta' saħħa u benesseri negattivi, speċjalment stress relatat max-xogħol.

Il-vjolenza u l-fastidju huma rrapportati b'mod inqas frekwenti, iżda għandhom relazzjoni negattiva qawwija mal-benesseri. Kondizzjonijiet tax-xogħol oħrajn, bħal bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja u l-appoġġ soċjali, għandhom influwenza pożittiva.

L-inċidenza ta' xi fatturi ta' riskji psikosoċjali naqset sa mill-2005. Illum il-ġurnata hemm inqas nies li jirrapportaw li qegħdin jaħdmu sigħat twal u li għandhom nuqqas ta' appoġġ soċjali. Madankollu, kien hemm żieda fin-nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg u wieħed minn kull ħames ħaddiema għadhom qegħdin jaħdmu sigħat twal jew għandhom skedi irregolari. Riċentament, f'xi pajjiżi ġew irrapportati żidiet fil-pressjoni tax-xogħol u fil-vjolenza u l-fastidju; dan huwa assoċjat mal-bidliet li ġabet magħha l-kriżi ekonomika fuq il-post tax-xogħol.

B'mod ġenerali, id-differenzi fil-kondizzjonijiet tax-xogħol bejn gruppi ta' ħaddiema huma relatati mas-settur. Madankollu, jeżistu differenti bejn is-sessi li mhux bilfors huma relatati mas-settur – pereżempju, irġiel li jaħdmu sigħat itwal jew nisa li jiffaċċjaw aktar diffikultajiet fl-iżvilupp tal-karriera tagħhom.

Ir-riskji psikosoċjali huma ta' tħassib għall-maġġoranza tal-kumpaniji: kważi 80% tal-maniġers jesprimu tħassib dwar l-istress relatat max-xogħol u kważi wieħed minn kull ħamsa jqisu l-vjolenza u l-fastidju bħala ta' tħassib kbir. B'ħarsa lejn ir-riskji individwali, l-akbar tħassib tal-maniġers jirrigwardja l-pressjoni tal-ħin u l-klijenti, il-pazjenti u l-istudenti diffiċli. Minkejja dan it-tħassib, inqas minn terz tal-impriżi għandhom proċeduri fis-seħħ sabiex jindirizzaw tali riskji.

L-evidenza tissuġġerixxi li l-indirizzar tal-perikli għall-benesseri psikosoċjali mhuwiex avveniment waħdieni, iżda proċess bi stadji differenti li jirrikjedu bidliet fl-ambjent tax-xogħol. L-interventi magħmula fil-livell tal-kumpaniji jiġu implimentati bl-aħjar mod



permezz ta' proċess strutturat u dan jirnexxi l-aktar jekk ikun akkumpanjat mill-involviment attiv tal-ħaddiema.

Huwa aktar probabbli li l-informazzjoni pprovduta lill-kumpaniji sabiex tgħinhom jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali tkun effettiva jekk twassal approċċ li jista' jkun immirat lejn l-istat ta' prontezza tal-kumpanija għall-bidla u lejn ir-riskji speċifiċi fil-kumpanija u fis-settur. Ma teżisti ebda soluzzjoni waħdanija fir-rigward tar-riskji psikosoċjali, iżda ġew implimentati ħafna approċċi effettivi fil-kumpaniji madwar l-Ewropa kollha.

Fil-livell tal-politika, il-leġiżlazzjoni u l-inizjattivi tal-imsieħba soċjali kkontribwixxew għall-implimentazzjoni tal-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali. Id-djalogu soċjali huwa xprunatur għat-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol. L-eżempji pprovduti fir-rapport jenfasizzaw il-politiki li jittrattaw ir-riskji psikosoċjali fil-livell tal-Istati Membri, permezz ta' leġiżlazzjoni jew spezzjoni, billi jiġu pprovduti għodod prattiċi, jew inkella bl-involviment tal-imsieħba soċjali. Madankollu, il-politiki mhumiex żviluppati bl-istess mod fil-pajjiżi Ewropej kollha, fattur li jista' jiġi spjegat mit-tradizzjonijiet differenti tad-djalogu soċjali u mill-approċċi governattivi differenti, sikwit relatati mal-importanza li l-pajjiżi jagħtu lir-riskji psikosoċjali.

## Indikazzjonijiet tal-politika

- Dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet interessati responsabbli għall-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-prevenzjoni tar-riskji għandhom jikkunsidraw ir-riskji psikosoċjali speċifiċi għall-gruppi ta' ħaddiema differenti.
- B'konformità mal-objettiv tal-Ewropa 2020 li jiżdiedu r-rati tal-impjiegi, għandha tingħata attenzjoni lill-indirizzar tar-riskji li għalihom ikunu esposti l-aktar il-ħaddiema, bħall-problemi speċifiċi relatati mat-tip ta' kompitu jew mal-intensità tax-xogħol qawwija u dawk b'impatt qawwi fuq is-sostenibbiltà tax-xogħol, bħall-vjolenza jew il-fastidju.
- Ir-rikonoxximent dejjem jiżdied tal-importanza tal-ambjent tax-xogħol psikosoċjali u tal-ħtieġa li jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali għandu jiġi ttrasformat fl-implimentazzjoni proprja ta' politiki preventivi, speċjalment f'pajjiżi fejn huma ftit il-kumpaniji li għandhom proċeduri li jittrattaw ir-riskji psikosoċjali. Gwida prattika jista' jkollha rwol importanti fl-ikkumplimentar tar-rekwiżiti legali, speċjalment għal kumpaniji li huma iżgħar fid-daqs.
- Id-djalogu soċjali f'livelli differenti, mill-UE sal-post tax-xogħol, jgħin sabiex jiżdied l-għarfien dwar ir-riskji psikosoċjali u jgħin fl-iżvilupp ta' politiki u azzjonijiet fil-livell tal-impriżi. Għandhom jissoktaw aktar żviluppi f'dan ir-rigward, speċjalment f'pajjiżi fejn il-politiki għadhom inqas żviluppati.
- Il-miżuri għall-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali jiġu implimentati bl-aħjar mod fuq il-bażi tal-qafas tradizzjonali għall-ġestjoni tar-riskji. Il-kumpaniji jirnexxu aktar fil-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali jekk ikun hemm diġà fis-seħħ struttura li tiffunzjona tajjeb ta' ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali.
- Dawk li jfasslu l-politika għandhom jirriflettu fuq kif jistgħu jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jżommu u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol b'mod ġenerali. L-indirizzar tal-kwistjonijiet relatati mal-ħin tax-xogħol u l-iżvilupp tal-karriera jista' jikkontribwixxi f'dan il-qasam.
- In-nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg huwa relatat ma' xi eżiti negattivi għas-saħħa. L-iżvilupp ta' politiki olistiċi dwar l-impjiegi, l-iżvilupp tal-karriera, l-appoġġ soċjoekonomiku u r-ristrutturar jista' jgħin sabiex jiġu indirizzati l-kawżi u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg.

## Aktar informazzjoni

Dan is-sommarju huwa estratt mir-rapport "Ir-riskji psikosoċjali fl-Ewropa: Il-prevalenza u l-istrateġiji għall-prevenzjoni", disponibbli fuq http://eurofound.europa.eu/publications/report/2014/eu-member-states/working-conditions/psychosocial-risks-in-europe-prevalence-and-strategies-for-prevention u https://osha.europa.eu/en/publications/reports/psychosocial-risks-eu-prevalence-strategies-prevention/view. Huwa disponibbli b'25 lingwa fuq http://www.eurofound.europa.eu/publications/executive-summary/2014/eu-member-states/working-conditions/psychosocial-risks-in-europe-prevalence-and-strategies-for-prevention-executive-summary u https://osha.europa.eu/en/publications/reports/executive-summary-psychosocial-risks-in-europe-prevalence-and-strategies-for-prevention/view.

TE-02-14-829-MT-C doi:10.2802/30963 ISBN 978-92-9240-485-7

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

www.eurofound.europa.eu
www.osha.europa.eu